# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum il-Hamis, 28 ta' Gunju, 2001**

**Appell Nru 92/2001 G**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Charlie Saliba**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Charlie Saliba talli fit-22 ta' Marzu, 2000 ghall-habta tas-6.50 a.m. fix-Xatt l-Ahmar, limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex (**1**) waqt stagun maghluq ghall-kacca minn fuq l-art kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar tal-marka Berretta [**recte:** Beretta], numru tas-serje E06808-96 u munizzjon (cintorin ta' bit-tnejn b'ghoxrin skartocc) minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Kap. 66, Artikolu 3; u aktar (**2**) talli fl-istess data, hin u cirkustanzi kkaccja jew ipprova jikkaccja ghasafar waqt stagun maghluq u minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija, u dan bi ksur tal-Avviz Legali 146/1993; l-ewwel qorti kienet mitluba li minbarra l-piena stabbilita tordna l-konfiska ta' l-oggetti ezibiti, kif ukoll tordna l-iskwalifika tal-licenzji kollha tal-kacca u tal-armi [ta' l-imsemmi Saliba] ghal zmien ta' mhux anqas minn sena;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-25 ta' April, 2001, li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Charlie Saliba hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, ikkundannatu multa ta' tlett mitt lira (Lm300), ordnat il-konfiska ta' l-arma u l-munizzjon ezibiti, u skwalifikat lill-imsemmi Charlie Saliba milli jkollu jew jottjeni licenzja ghall-kacca ghal periodu ta' sena;

Rat it-talba ghas-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza maghmula u akkordata fil-25 ta' April, 2001; rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Charlie Saliba, minnu ppresentat fil-11 ta' Mejju, 2001, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza jew, alternattivament, ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-verbal registrat fl-udjenza tal-lum li permezz tieghu din il-Qorti gibdet l-attenzjoni tad-difensur ta' l-appellant li r-rikors ta' appell ma kienx iffirmat minn avukat kif rikjest espressament u taht piena ta' nullita` mill-Artikolu 419(3) tal-Kodici Krminali;

Peress li, kif inghad, dana d-difett igib bhala konsegwenza n-nullita` tar-rikors ta' appell, nullita` li hi sollevabbli mill-Qorti *ex officio*;

Tiddikjara l-appell irritu u null u tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tieghu.

(ft) Maureen Xuereb
Deputat Registratur